**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Valerie Vella
vs
Aluminium Limited (Josef Licari)

CCT 171/15

Illum, 26 ta' Settembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrent fl-14 ta' Settembru 2015 fejn talbet illi tigi rizarcita l-ammont ta' €4,751.87 minghand is-socjeta' konvenuta ghall-installazzjoni ta' twieqi u aperturi ta' hgieg u aluminium li ma sarx skond is-sengha u l-arti principalment ghall-materjal u profil li ntuza wiehed antik flok dak modern li xtaqet ir-rikorrenti.

Ra l-verbal tad-19 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrenti naqset it-talba taghha ghall-€3,500 sabiex tirradika il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra r-riferti u n-notifiki minn fejn irrizulta illi s-socjeta' intimata baqghet kontumaci u konsegwentement ir-rikorrent talbet *default order* ai termini tal-artikolu 6.1 tal-Kap378.

Ra r-rikors tas-socjeta' intimata tat-8 ta' Frar 2016 fejn Josef Licari ghas-socjeta' intimata talab li jkun awtorrizat jiggustifika l-kontumaci u jipprezenta risposta ghat-talba attrici.

Ra li r-rikorrenti oggezzjonat ghal din it-talba.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Frar 2016 fejn ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, awtorizza lis-socjeta' intimata sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fi zmien li tghid il-ligi.

Ra l-verbal tal-4 ta' April 2016, fejn irrizulta li s-socjeta intimata ma rispettatx it-termini legali u prezentat ir-risposta taghha dakinhar tal-verbal, f-liema kaz din ir-risposta kellha titqies bhala fuori termine u ordnat l-isfilz taghha.

Ra l-verbal tat-2 ta' Mejju 2016, fejn fuq talba tal-istess rikorrenti, it-Tribunal hatar perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrenti, wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti.

Ra li t-tekniku Abigail Scicluna Lewis ipprezentat u halfet ir-rapport taggha fis-6 ta' Gunju 2016.

Ra l-verbal tal-25 ta' Lulju 2016 fejn saret it-trattazzjoni u l-kawza giet differita in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' Settembru 2016.

Ra illi ma kien hemm ebda ostakolu ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha processwali.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' quotation datat 28 ta' Novembru 2014 is-socjeta' intimata ikkwotat prezz fl-ammont ta' €5380.80. Ghad illi gew esebiti diversi dokumenti li juru cifri differenti ghal dan ix-xoghol, it-Tribunal mhux sejjer jidhol f'ezercizzju ta' komputazzjoni peress illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti llimitat il-pretensjoni taghha ghall-€3,500.

Ikkunsidra

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gew ezebiti zewg rapporti teknici - wiehed ex parte ipprezentat mir-rikorrenti u l-iehor fuq nomina ta' Tribunal wara talba appozita tar-rikorrenti. It-Tribunal ezamina z-zewg rapporti bir-reqqa, specjalment dak tal-ahhar, fejn sfortunatament, il-konkluzjonijiet huma pjuttost nebbuluzi u l-perit ma tatx konkluzjoni jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti. Pero' minn ezami tal-korp tar-relazzjoni jidher car illi kemm il-manifattura, kif ukoll l-installazzjoni ma sarux kif suppost, specjalment il-bieb fil-*living area* li gie mwahhal bil-maqlub.

Per ezempju rigward "Leaf Sliding Door in Living Area", it-tekniku fuq imsemmija tghid ..

***" ... it was agreed that the door was to be changed to having the handle on the left hand side (kitchen side). The door was subsequently rotated resulting in the handle and other lock bay being installed at an excessive height from finished floor level. This does not make the door comfortable to open and close therefore does not function as per good standard practise". (Photo 1).***

***In addition in the aluminium which were utilised in the previous installation are still quite visible and require improving in the way there are sealed. (Photo 2 &3).***

Rigward il-hgieg, it-tekniku ukoll kellha xi haga li tghid meta rrimarkat li ***"the outer glass of the middle leaf of this door is cracked."*** Fil-fatt suppost kellu jintuza "tempered glass" biex jigi evitat " thermal shock" li probabbilment kien il-kawza tal-ixpakkar tal-hgieg.

It-Tribunal isib riflessjoni ta' dan l-argument fir-rapport ex parte ippreparat mill-perit Gerald Debono (ara para 1, 2, 3).

Rigward il-bieb u l-hgieg tal-main bedroom, it-tekniku nominat mill-Qorti irrimarkat diversi nuqqasijiet f'paragrafu 2, fosthom illi wara li nbidel il-hgieg tal-bieba ***"the door when closed does not fully seal onto the frame …….also it would be good to note that the sealing of the two fixed glass panels can be improved."*** (Photo 5, 6, 7, 8, 9). Dan issib rifless tieghu f'paragrafu 4, 5, 6 u 7 tar-rapport ex parte.

Illi rigward il-bieb tal-ispare bedroom f'paragrafu 3. it-tekniku nominat mill-Qorti ma sabet xejn hazin mentri il-perit Debono irrimarka f'paragrafu 8 illi dan il-bieb kellu 'bad detailing and cutting of aluminium sections is noticeable (Photo 14).

Ghalhekk it-Tribunal, wara li sema x-xhieda bil-gurament u qabbel dawn iz-zewg rapporti u ra illi fil-qafas taghhom hemm konvergenza, anke jekk forsi fid-detall hemm xi differenzi, jidhirlu illi jista' b'certa' serenita' jasal ghall-konkluzjoni illi hemm difetti fil-manifattura u installazioni tal-aluminium u hgieg li jiggustifikaw l-ilment tal-attrici. Ma hemmx dubju illi x-xoghol seta' sar ahjar u kieku ntuzat is-sengha u l-arti tal-professioni ma kienx ikun hemm ir-rizultat li minnu l-attrici qieghda tilmenta.

It-Tribunal jidhirlu illi ghal dak li huwa l-kwantum, gew esebiti dokumenti u fatturi li juru li mill-inqas l-attrici hallset almenu €4208.75 (ara rcevuta Nru 3116 bid-data ta' 4 ta' Frar 2015 u kopja ta' cheque tas-17 ta' Marzu 2015 ghas-somma ta' €2229.75). Din ic-cifra ma giet bl-ebda mod kontestata mis-socjeta' konvenuta u lanqas ma sáret xi allegazzjoni li l-attrici naqset minn xi pagament mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tal-attrici u jikundanna lis-socjeta' konvenuta illi tirrifondi lill-istess attrici l-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata, li pero' ghandha dritt izzarma u tiehu lura l-aperturi mertu ta' din il-kawza.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru